**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-21 ta' April 2021 – Reti Televisive Italiane SpA (RTI) vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni – AGCOM**

**(Kawża C-255/21)**

(2021/C 329/08)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Reti Televisive Italiane SpA (RTI)

*Konvenut:* Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni – AGCOM

**Domandi preliminari**

1. Għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-limitazzjoni tal-ħin tal-ispazju ta' reklamar, fid-dawl tal-importanza mogħtija, b'mod ġenerali, fid-dritt [tal-Unjoni Ewropea] lill-kunċett ta' grupp jew entità ekonomika waħda, li jirriżulta minn diversi sorsi tad-dritt tal-kompetizzjoni (b'mod partikolari mill-premessa 43 tad-Direttiva 2018/1808/UE [1] u mill-formulazzjoni ġdida tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2010/13/[UE] [2] applikabbli fil-kawża prinċipali), bla ħsara għad-differenza li teżisti fid-dritt nazzjonali Taljan bejn l-awtorizzazzjonijiet previsti mix-xandara televiżivi u għax-xandara radjufoniċi, skont l-Artikolu 5(1)(b) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 177/[2005], tista' titqies konformi mad-dritt tal-Unjoni interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali fil-qasam tar-radju u t-televiżjoni li tiddeduċi mill-Artikolu 1(1)(a) tal-imsemmi Digriet Nru 177/[2005], kif emendat mit-test fis-seħħ mit-30 ta' Marzu 2010 (li jittrasponi d-Direttiva 2007/65/KE [3]), li l-proċess ta' konverġenza bejn il-forom ta' kommunikazzjoni differenti (il-komunikazzjoni elettronika, il-pubblikazzjoni, anki elettronika, u l-internet fl-applikazzjonijiet kollha tagħha) japplika *a fortiori* bejn il-fornituri tal-media televiżivi u radjufoniċi, fuq kollox jekk ikunu diġà integrati fi gruppi ta' impriżi marbutin bejniethom, u li [dan il-proċess] jimponi ruħu b'mod ġenerali, bil-konsegwenzi li jirriżultaw minnu, fil-qasam tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 38(6), tad-digriet leġiżlattiv iċċitat iktar 'il fuq, b'tali mod li x-xandar jista' jkun grupp, ikkunsidrat bħala entità ekonomika waħda, jew, għall-kuntrarju, fid-dawl tal-prinċipji tal-Unjoni ċċitati iktar 'il fuq, minħabba l-awtonomija tal-projbizzjoni li jinqabżu l-limitazzjoni tal-ħin tal-ispazju ta' reklamar fir-rigward tad-dritt ġenerali tal-kompetizzjoni, huwiex impossibbli li tingħata xi relevanza – qabel l-2018 – lil gruppi u lil proċessi ta' konverġenza msemmija iktar 'il fuq, kif ukoll lil attivitajiet inkroċjati bejn il-media, billi jiġi kkunsidrat biss, għall-finijiet ta' kalkolu tal-limitazzjoni tal-ħin tal-ispazju ta' reklamar, ix-xandar meħud waħdu, anki jekk ikun parti minn grupp (dan l-aspett huwa msemmi biss fil-verżjoni kkonsolidata tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2010/13/UE, sussegwentement għall-adozzjoni tad-Direttiva 2018/1808/UE)?

2. Fid-dawl tal-prinċipji tal-Unjoni ċċitati iktar 'il fuq fil-qasam ta' gruppi ta' impriżi bħala unità ekonomika waħda, għall-finijiet tal-projbizzjoni li jinqabżu l-limitazzjonijiet tal-ħin tal-ispazju ta' reklamar u tas-suċċessjoni ċċitata iktar 'il fuq mill-formulazzjoni tal-artikolu 23 imsemmi iktar 'il fuq, bla ħsara għad-differenza msemmija bejn l-awtorizzazzjonijiet, huwa possibbli li jiġi dedott b'mod partikolari mil-leġiżlazzjoni antikompetittiva tas-[sistema integrata ta' komunikazzjonijiet] prevista fl-Artikolu 43 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 177/[2005] ir-rilevanza tal-kunċett ta' grupp "fornitur ta' servizzi ta' media" (jew, skont kliem l-appellant, ta' "grupp editorjali") bil-għan li jiġu esklużi l-messaġġi promozzjonali inkroċjati bejn il-media fi ħdan l-istess grupp ta' limitazzjonijiet tal-ħin tal-ispazju ta' reklamar, fis-sens tal-Artikolu 38(6) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 177/[2005] jew, għall-kuntrarju, tali relevanza għandhiex tkun esklużа qabel l-2018, minħabba l-awtonomija tad-dritt tal-kompetizzjoni fil-qasam televiżiv fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-limitazzjonijiet tal-ħin tal-ispazju ta' reklamar?

3. Il-formulazzjoni l-ġdida tal-Artikolu 23(2)(a) tad-Direttiva 2010/13/UE jirrikonoxxix l-prinċipju li diġà jeżisti fid-dritt tal-kompetizzjoni tar-relevanza ġenerali tal-gruppi, jew hija novità? B'hekk, fl-ewwel każ, hija realtà ġuridika diġà inerenti fid-dritt tal-Unjoni – b'tali mod li tkopri, b'hekk, f'dan il-każ, preċedentement għall-formulazzjoni ġdida, u li tikkundizzjona l-interpretazzjonijiet tal-[awtorità nazzjonali regolatorja] billi timponilha fi kwalunkwe każ ir-rikonoxximent tal-kunċett ta' grupp "fornitur ta' servizzi ta' media" – jew, fit-tieni każ, din in-novità tipprekludix r-rikonoxximent tar-relevanza tal-gruppi ta' kumpanniji fil-kawżi mibdija qabel id-dħul tagħha, peress li hija tkun inapplikabbli *ratione temporis* għall-kawżi preċedenti minħabba l-portata innovattiva?

4. Fi kwalunkwe każ u lil hinn mis-sistema ta' awtorizzazzjonijiet previsti mill-Artikolu 5 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 177/2005 u tal-formulazzjoni ġdida tal-Artikolu 23 imdaħħla fl-2018, u b'hekk fil-każ fejn din id-dispożizzjoni ġdida ma tikkostitwixxix rikonoxximent ta' dak li diġà jeżisti, iżda tkun innovattiva, kif mistoqsi fid-domanda (c), ir-relazzjonijiet integrati bejn it-televiżjoni u r-radju, ikkunsidrati b'mod ġenerali fid-dritt tal-kompetizzjoni, fid-dawl tan-natura ġenerali u transversali tal-kunċetti ta' entità ekonomika u ta' grupp, huma kruċjali sabiex jiġu interpretati l-limiti tal-ispazju ta' reklamar, li huma fi kwalunkwe każ irregolati impliċitament fir-rigward tal-grupp ta' impriżi (jew, b'mod iktar preċiż ta' relazzjonijiet ta' kontroll bejn l-impriżi tal-grupp) u tal-unità funzjonali ta' dawn l-impriżi, b'tali mod li l-promozzjoni ta' programmi bejn televiżjoni u radju tal-istess grupp jew bil-maqlub jekk l-imsemmija relazzjonijiet ta' integrazzjoni huma irrilevanti fil-kuntest tal-limiti tal-ispazju ta' reklamar u b'hekk, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-programmi "tiegħu stess" imsemmija fl-Artikolu 23 (test oriġinali) huma tali li peress li jappartjenu għall-istess xandar li jippromwovijhom, u mhux għal grupp ta' kumpanniji fl-assjem tiegħu, billi din il-leġiżlazzjoni hija dispożizzjoni awtonoma li ma tippermetti l-ebda interpretazzjoni sistematika li testendiha lill-gruppi li huma kkunsidrati entità ekonomika waħda?

5. Fl-aħħar nett l-Artikolu 23, fil-verżjoni oriġinali tiegħu, anki kieku ma kellux jiġi interpretat bħala dispożizzjoni li taqa' taħt id-dritt tal-kompetizzjoni, għandu fi kwalunkwe każ jiġi kkunsidrat bħala dispożizzjoni inċentivanti, li tiddeskrivi l-partikolarità tal-promozzjoni, li hija esklużivament informattiva u li ma hijiex intiża sabiex tikkonvinċi li xi ħadd sabiex jixtri xi prodotti u servizzi barra l-programmi promossi, u b'hekk, għandha titqies bħala teskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qasam ta' spazju ta' reklamar, u b'hekk applikabbli, fil-parametri tal-impriżi li jappartjenu għall-istess grupp, fil-każijiet kollha ta' promozzjoni inkroċjata u integrata tal-media, jew għandhiex titqies bħala dispożizzjoni ta' natura derogatorja u eċċezzjonali fil-kuntest tal-kalkolu tal-limiti tal-ispazju ta' reklamar u bħala tali għandha tiġi interpretata strettament?

---

(1) Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbiddlu (ĠU 2018, L 303, p. 69).

(2) Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifika fi-ĠU 2010 L 263, p. 15).

(3) Direttiva 2007/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU 2007, L 332, p. 27).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-23 ta' April 2021 – Asociación Multisectorial de Empresas de la Electrónica, las Tecnologías de la Información y la Comunicación, de las Telecomunicaciones y de los contenidos Digitales (AMETIC) vs Administración General del Estado, Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales (EGEDA), Asociación para el Desarrollo de la Propiedad Intelectual (ADEPI), Artistas, Intérpretes o Ejecutantes, Sociedad de Gestión de España (AIE), Artistas Intérpretes, Sociedad de Gestión (AISGE), Ventanilla Única Digital, Derechos de Autor de Medios Audiovisuales (DAMA), Centro Español de Derechos Reprográficos (CEDRO), Asociación de Gestión de Derechos Intelectuales (AGEDI) y Sociedad General de Autores y Editores (SGAE)

**(Kawża C-263/21)**

(2021/C 329/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Asociación Multisectorial de Empresas de la Electrónica, las Tecnologías de la Información y la Comunicación, de las Telecomunicaciones y de los contenidos Digitales (AMETIC)

*Konvenuti:* Administración General del Estado, Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales (EGEDA), Asociación para el Desarrollo de la Propiedad Intelectual (ADEPI), Artistas, Intérpretes o Ejecutantes, Sociedad de Gestión de España (AIE), Artistas Intérpretes, Sociedad de Gestión (AISGE), Ventanilla Única Digital, Derechos de Autor de Medios Audiovisuales (DAMA), Centro Español de Derechos Reprográficos (CEDRO), Asociación de Gestión de Derechos Intelectuales (AGEDI) y Sociedad General de Autores y Editores (SGAE)